# L-Intellettwali u l-Klassi Diriġenti f'Malta

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nitkellem fuq kategorija ta' ċittadini li jekk irridu nħarsu lejn is-sena elfejn ma nistgħux ninjorawha. Qed nirreferi għall-intelletwali u l-"klassi" diriġenti ta' pajjiżna. Kategorija li fl-opinjoni tiegħi qabdet triq li lili tinkwetani kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala għalliem fl-Università.

Qed nara tiżviluppa f'pajjiżna *trend* lejn il-ħajja li dehret ukoll fi Spanja wara l-waqgħa ta' Franco. L-Ispanjoli kienu bdew isejħulha *pasotismo*, li kienet tfisser ċertu tip ta' kwalunkwiżmu ġej mid-*disenchantment* taż-żgħażagħ lejn l-impenn soċjali in ġenerali u lejn il-politika in partikulari. Inħoss li fostna qed jissaħħaħ dak it-tip ta' dak l-atteġġjament li Banfield isejjaħlu l-familjaliżmu amorali li hu komuni ħafna fil-kultura ta' Sqallija.

Għalhekk nixtieq nitkellem fuq l-intellettwali u l-"klassi" diriġenti. Fl-opinjoni tiegħi dawn jistgħu jgħinu biex din il-problema nilqgħulha. Naħseb li f'pajjiżna, tajjeb jew ħażin, żdiedu n-nies tax-xjenza, waqt li inħoss illi naqsu n-nies intellettwali. L-għarfien, in-*knowledge*, u sa ċertu punt anki x-xjenza ġiet burokratizzata żżejjed u n-nies li għandhom moħħ jew m'humiex jesprimuh f'impenn soċjali jew, ma nafx għaliex, poġġewh fil-friża.

Personalment, nara li hemm analoġija kbira bejn dak li l-Iskrittura ssejjaħlu profeta u l-intellettwali. Il-profeta, kif tgħid il-kelma ... huwa dak li jitkellem f'isem il-verità, fil-każ tal-profeta din il-verità hija identifikata ma' Alla. U allura, verità rivelata. L-intellettwali huwa l-bniedem li jitkellem f'isem il-verità li jiskopri hu bil-kapaċitajiet tiegħu u għalhekk huwa qrib ħafna "tax-xjenza" fis-sens etimoloġiku tal-kelma.

---



JOE INGUANEZ twieled Ħal-Għaxaq, studja s-Seminarju, l-Università ta' Malta, l-Università Gregorjana (Ruma) u *Goldsmiths' College* ta' l-Università ta' Londra minn fejn kiseb il-grad ta' Ph.D. fis-Soċjoloġija. Hu ġie ordnat saċerdot fl-1970.
Huwa kien Kap ta' l-Uffiċċju tar-Riċerka tal-Kurja u Ko-ordinatur tat-Taħriġ Pastorali fis-Seminarju. Bħalissa hu Kap tad-Dipartiment tas-Soċjoloġija fl-Università ta' Malta u Kappillan Nazzjonali tal-Moviment taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara.

Il-kriżi fost l-intellettwali tidher fost l-oħrajn fl-iżvalutar tal-lingwa. Nieħdu eżempju, illum issemmiet diversi drabi l-kelma riċerka, terminu li fl-opinjoni tiegħi huwa mill-aktar kelmiet żvalutati f'pajjiżna. Biżżejjed tħares lejn kemm hawn min, biex nieħdu eżempju wieħed, jippretendi li qed jagħmel riċerka fl-istorja, meta m'għandu l-ebda preparazzjoni akkademika f'din il-materja. Dan l-użu laxk tal-lingwa sar ħaġa komunissma. Fil-fatt mhux l-ewwel darba li l-lingwa tintuża biex taħbi u flok biex tikxef il-verità.

Eżempju ieħor tal-kriżi fost l-intellettwali jidher fil-fatt li waqt li nikkritikaw lil ħaddieħor fuq il-konsumiżmu u nippridkawlu fuq il-kruha tiegħu, il-konsumiżmu sar wieħed mill-ideali tagħna. Wasal iż-żmien meta l-intellettwali hemm bżonn li jkunu identifikati minn but żgħir, moħħ kbir u kuraġġ ta' sur.

F'dan il-kuntest, inħoss li wieħed mis-suġġetti li ma tantx niddibattu dwaru fl-Università huwa s-sistema ta' l-istipendju: stipendju li miegħu m'hemm marbuta l-ebda *accountability*. Jiena assolutament favur li l-istudenti jiġu megħjuna mingħajr l-umiljazzjoni ta' *means test*. Però, kif qed titħaddem is-sistema llum, qed toħloq ġenerazzjoni ta' studenti li tilfet kull kapaċità għal dik li nsejħulha *postponed gratification*. Il-mentalità li qed tiffjorixxi hija dik ta' "issa", "kollox" u "malajr"!

M'hemmx għalfejn ngħid li l-intellettwali, bħal profeta, irid ikun kritiku tan-nies u ta' l-istituzzjonijiet ta' madwaru. Irid jgħix fi ġlieda mal-ħolqien ta' l-allat foloz. Diżgrazzjatament, xi wħud li f'pajjiżna jissejħu intellettwali, kapaċi jikkritikaw u "jkissru" lil dak li min hu ta' twemmin bħali jemmen li hu Alla veru; iżda m'humiex kapaċi jikkritikaw l-ebda alla ieħor; ftit fostna huma kapaċi li jkunu kritiċi tal-poter, la dak politiku u lanqas dak ekonomiku. Iżda f'pajjiżna l-aktar allat insidjużi huma sħabna u tal-familja. Ħafna m'humiex kapaċi jikkritikaw lil sħabhom. Jekk taqraw *book review* fuq gazzetta Maltija, probabilment tindunaw li l-ktieb li jkun qed jiġi kkritikat donnu ma jkun fih xejn x'tikkritika ħlief xi *comma* barra minn postha jew "għ" miktuba barra minn postha jew xi ħaġa fl-Ingliż spelluta ħażin! Hemm bżonn ukoll inkunu kritiċi tagħna nfusna! L-iżvilupp tax-xjenza jinbena biss fuq il-qabar tax-xjenza u jekk aħna ma nikkritikawx lilna nfusna, jiġifieri dak li ktibna u rriċerkajna aħna stess, jekk dan ma jsirx ikun ifisser li dak li skoprejna daħal fir-renju tad-domma, din id-darba mhux ta' natura reliġjuża iżda dik ta' natura psewdo-xjentifika.

L-intellettwali m'għandu qatt jiddemonizza lil min ma jaqbilx miegħu, u lanqas għandu jippersonalizza l-argument. Dawn ukoll huma żewġ mardiet li fnew lil pajjiżna. Mardiet li huma jew għajn jew frott ta' l-intolleranza.

Kif inħares lejn ix-xogħol ta' l-intellettwali? Inħoss li l-intellettwali għandu jkun okkupat fi proċess tripliku: evalwazzjoni, skoperta u ri-skoperta. U ċ-

ċiklu jibqa' sejjer; jiġifieri dak li diġà skoprejna nerġgħu nivvalutawh biex niskopruh taħt forma ġdida. Kif jgħid l-Evanġelu f'kuntest ieħor: mill-ħażna tiegħek toħroġ il-ġdid u l-qadim!

Kategorija oħra ta' nies li ridt nitkellem fuqhom hija l-klassi jew il-kategorija tad-diriġenti. Jien ngħid illi kull falliment li jeżisti f'dan il-pajjiż huwa falliment ta' klassi diriġenti u mhux falliment tal-poplu. Jekk niflu l-istorja, jekk inħarsu madwarna, nindunaw l-għala fallejna. Waħda mill-problemi jaħarqu li rreferew għaliha l-kelliema ta' qabli huwa l-ambjent. Min kisser l-ambjent? Il-fqar? Dawk li xi drabi jissejħu "injoranti"? U jekk min hu verament injorant kisser xi parti mill-ambjent, min mill-intellettwali tah il-parir dwar x'jista' jsir? Jekk inbnew vilel li kissru l-ambjent u li għandhom valur estetiku fqir, mhux il-perit huwa l-persuna professjonalment responsabbli ta' dan quddiem is-soċjetà? Darba qed nitkellem ma' perit ta' kalibru u qalli li jekk jimxi fuq dawn il-kriterji li qed insemmi jmut bil-ġuħ. Jiġifieri dan kien lest li jbigħ ir-ruħ professjonali tiegħu biex, skond hu, ma jmutx bil-ġuħ. Jekk din hija l-fibra li minnha hi magħmula l-klassi diriġenti ta' pajjiżna, allura mhux diffiċli ssib il-kawża tal-kollass kulturali li naraw madwarna! Min kisser il-Qrati? B'xi eċċezzjoni 'l hawn u 'l hemm, kemm naqraw artikli ta' avukati li jikkritikaw liġijiet waqt jew wara dibattitu Parlamentari. Anki fost dawk l-avukati li qegħdin fil-politika, kemm huma dawk li joffru lill-pubbliku analiżi xjentifika, per eżempju, bi kritika komparattiva, tal-liġijiet li jkunu qed jiġu promulgati? Ħafna avukati huma preokkupati jaraw kif jaqilgħu x'jieklu, imsieken! Min qed jimmina l-professjonijiet? Min kisser il-politika u min għamel ħsara lir-reliġjon? Naħseb illi l-klassi diriġenti ta' dawn l-istituzzjonijiet u gruppi għandhom x'iġorru fuq il-kuxjenza.

Hemm bżonn li niffaċċjaw il-millennju li jmiss bi "klassi" intellettwali u "klassi" diriġenti li terġa' tiskopri l-importanza assoluta tas-sens etiku li wieħed jista' jieħdu minn twemmin reliġjuż jew minn twemmin ieħor. Inkella nispiċċaw fil-monarkija ta' Macchiavelli. Jekk se nimxu lejn *vacuum* ta' valuri, allura s-soċjetà tagħna tkun miexja lejn soċjetà-mostru, soċjetà perikoluża. Is-Soċjologi ppruvaw ħafna janalizzaw il-valuri gwida tas-soċjetà. Evidentement il-poplu Malti wkoll qed jeżiġi li npoġġu l-valuri f'posthom. Is-sinjali taż-żminijiet juru li l-onestà u t-trasparenza, fejn tidħol kull klassi diriġenti, kemm jekk ikun l-Isqof, kemm jekk ikun il-Prim Ministru, kemm jekk ikun il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, u kemm jekk ikun *manager* f'fabbrika, saret eżiġenza ta' żmienna. Ma tistax tiġi posposta sakemm naqbżu l-għatba tal-millennju.